MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2006

Numru. 181/2002

PULIZIJA
SPETTUR JOSEPH CORDINA
VS
PIERRE CAMILLERI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Pierre Camilleri, ta’ 36 sena, bin John u Mary Grace nee’ Cassar, imwieled Bormla fil-21 t’Ottubru 1964, u residenti Adonaj, Triq il-Krexxuni, Zabbar, u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 539064(M), u akkuzat talli fis-6 t’Awissu 2001 u fix-xhur precedenti, f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, approprija ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, mis-somma ta’ elfejn hames mija u dsatax-il Lira Maltin (Lm2519), li giet fdata lilu jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat minhabba l-kariga jew

servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju, ghad-detriment tas-socjeta' Millers Distributors Ltd, u dan bi ksur tal-Artikli 18, 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, din il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza, u wara li rat l-Artikli 18, 293, 294, 310(1)(a), 28A u 28H tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat ghal sena prigunerija sospiza ghal sentejn. In oltre, din il-Qorti tordna illi l-imputat ihallas is-somma ta' elfejn, mitejn u disa' u sebghin Lira Maltin (Lm2279) lill-kwerelanti fi zmien sitt (6) xhur mid-data ta' din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------